QORTI CIVILI PRIM' AWLA
(Sede Kostituzzjonali)

IMHALLEF

ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha, sitta w ghoxrin (26) ta' April, 2000 fid-9.00a.m.

Rikors Kost. numru: 559/96 VDG

George Whelpdale u Avukat Tonio Farrugia bhala diretturi u in rapprezentanza ta' Forwarders Ltd. u fil-kwalita` taghhom personali

v.

L-Avukat Generali u Dr Victor Emanuel Ragonesi bhala mandatarju tal-assenti Adrian De Haan maghruf ukoll bhala Aad De Haan (skond digriet tal-10 ta' Ottubru, 1997)

Il-Qorti,

Rat ir-rikors prezentat fit-3 ta' Ottubru 1996 li permezz tieghu ir-rikorrenti ppremettew:

1. Illi bic-citazzjonijiet nru. 822/95 u 825/95 fil-kaz fl-ismijiet "Adrain De Haan vs George Whelpade et noe", l-attur kien talab li jigi dikjarat li obbligazzjoni ta' garanzija tal-24 ta' Novembru 1992 mahruga mill-intimat De Haan favur l-atturi, kienet falza;

2. Illi din l-Onor. Qorti appuntat is-smiegh bl-urgenza ghas-26 ta' Gunju 1995 fid-9.15a.m. "sakemm jinstemghu x-xhieda kollha tal-partijiet";

3. Illi fil-kors ta' dan is-smiegh bl-urgenza, l-esponenti talbu li jtellghu bhala xhieda lil awdituri George Farrugia u Franco Azzopardi, dak in-nhar stess;

4. Illi din l-Onor. Qorti, b'digriet tas-26 ta' Gunju 1995, cahhdet lill-esponenti l-possibilita` li jinstemghu dawn iz-zewg xhieda u ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-7 ta' Lulju 1995;

5. Illi l-kawzi gew decizi fis-7 ta' Lulju 1995, billi l-Qorti ddikjarat li kienet konvinta mill-falsita' tal-garanzija, mhux tant minhabba l-ezistenza tal-provi diretti, imma minhabba konvinciment imnissel mis-"system of conduct" ta' l-esponent;

6. Illi b'nota tal-Appell tal-11 ta' Lulju 1995, l-esponenti indikaw li kienu ser jappellaw mid-digriet tas-26 ta' Gunju 1995 li cahad is-smigh ta' xhieda tal-esponenti; oltre illi mill-meritu;

7. Illi bil-Petizzjoni tal-appell tas-17 ta' Lulju 1995, l-esponenti appellaw mill-imsemmi digriet, oltre illi mill-meritu;

8. Illi x-xhieda [**<u>recte</u>:** xiehda] ta' George Farrugia vs Franco Azzopardi kienet indispensabbli, ghal diversi ragunijiet. L-ewwelnett, billi l-ewwel Qorti kienet ibbazat il-konvinciment taghha kwazi eskluzivament fuq is-"system of conduct" tal-esponenti. Kien essenzjali illi ssir il-prova tas-"system of conduct" tal-intimat De Haan, billi t-tezi principali tal-esponenti kienet illi l-allegat "system of conduct" taghhom kien biss il-mod kif jipprotegu ruhhom kontra frode u dizonesta` kummercjali tal-istess

De Haan, u li ghalhekk kien totalment irragonevoli li l-Qorti tikkunsidra rrilevanti l-agir ta' De Haan, li ghalih l-agir tal-esponenti kien biss reazzjoni legittima;

9. Illi, inoltre, l-istess xhieda Farrugia u Azzopardi kienu xhieda indispensabbli dwar il-materjalita' tal-allegata falsifikazzjoni;

10. [Illi] x-xhieda [**<u>recte</u>:** xiehda] taghhom kienet anke aktar indispensabbli billi l-Qorti cahdet it-talba ghall-konnessjoni ta' dawn il-kawzi ma' kawzi ohra maghmulin mill-esponenti kontra De Haan. Billi l-konkluzjoni tal-Qorti dwar il-falsita` tal-garanzija ma kienetx bazata fuq provi materjali tal-falsifikazzjoni, imma fuq konvinciment derivat mis-"system of conduct", il-Qorti messha kellha quddiema s-"system of conduct" taz-zewg partijiet biex tista' tiggudika jekk dak tal-esponenti kienx kolpevoli, jew inkella kienx dettat u kondizzjonat bhala protezzjoni indispensabbli kontra l-agir dizonest u frawdolenti ta' De Haan;

11. [Illi] l-fatt li giet michuda l-konnessjoni tal-azzjonijiet, nehha lill-Qorti l-kapacita` li tista' tivvaluta l-agir tal-esponenti fil-kwadru tac-cirkostanzi kollha, u mhux ta' cirkostanzi selettivi li jistghu jitfghu dawl ikrah fuq l-esponenti biss;

12. Illi l-Onor. Qorti tal-Appell, iddecidiet l-appelli fil-31 ta' Lulju 1996.

13. Illi bis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell, minghajr ma ddecidiet u ddeterminat l-appell mid-digriet tas-26 ta' Gunju 1995, fis-sentenzi taghha kkonfermat is-sentenzi appellati, hlief ghar-responsabilita` personali tal-esponenti;

14. Illi l-fatt li l-Onor. Qorti tal-Appell iddecidiet il-meritu minghajr ma ddecidiet l-appell dwar il-provi li kienu gew vjetati mill-ewwel Qorti, ifisser illi l-Qorti tal-Appell iddeliberat il-meritu minghajr la semghat il-provi tal-esponenti, u anqas ma cahdet it-talba ghall-provi tal-esponenti;

15. Illi l-kumpless ta' dawn il-fatti jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali ta' smiegh xieraq garantit mill-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u mill-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Premess dan kollu, r-rikorrenti talbu li din il-Qorti joghgobha taghti dawk ir-rimedji kollha li jidrilha xierqa, fosthom li tiddikjara s-sentenzi fuq imsemmija lezivi tad-dritt taghhom ta' smiegh xieraq u ghalhekk nulli u bla ebda effett, l-ispejjez;

Rat ir-risposta preliminari ta' l-Avukat Generali tal-11 ta’ Ottubru, 1996, li biha ecepixxa:

“Illi huwa jopponi t-talba tar-rikorrenti stante ma kien hemm l-ebda lesjoni tad-dritt tas-smigh xieraq taghhom u ghalhekk m'ghandux jigi dikjarat li s-sentenzi msemmija huma nulli u bla effett.

“L-esponent jirriserva li jgib ir-ragunijiet in sostenn tal-linja difensjonali tieghu fi stadju ulterjuri wara li jkun pjenament a konoxxenza tad-dettalji kollha li jemergu mill-processi rilevanti u dan minhabba l-fatt li ma kienx possibbli ghalih li jezaminhom dettaljatament fiz-zmien daqstant brevi bejn in-notifika tar-rikors promotur u s-seduta tal-Gimgha, 11 ta' Ottubru, 1996.”;

Rat ir-risposta ulterjuri ta' l-Avukat Generali tal-4 ta’ Novembru, 1996 illi tghid hekk:

“Illi konformement mal-kontenut ta' l-ewwel risposta tieghu prezentata fil-11 ta' Ottubru 1996, huwa jirribadixxi l-oppozizzjoni tieghu ghall-akkoljiment tat-talbiet tar-rikorrent ghas-segwenti ragunijiet:

“1. Illi fl-ewwel lok din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha stante li r-rikorrenti mhux talli kellhom rimedji ordinarji disponibbli ghal-lanjanza taghhom, izda talli adoperawhom tramite l-mezzi provduti mir-rit processwali u billi ma nghatawx ragun mill-Qorti tat-tieni u l-

ahhar istanza holqu pretest frivolu u vessatorju biex jadixxu din il-Qorti biex isservihom ta' vesti ta' appell tat-tielet istanza.

“2. Illi d-dritt ta' smigh xieraq kif protett bil-Kostituzzjoni fl-artikolu 39, kif ukoll bl-Att XIV fl-artikolu 6 ta' l-ewwel skeda (li, ghall-ezattezza, ghandu jinghad li jirriferi ghall-smigh *imparzjali*) ma jistax jigi konsiderat *in vacuo* u *in abstracto*. Kemm l-ewwel qorti kif ukoll il-Qorti ta' l-Appell rritenew li ghall-fini ta' l-apprezzament tal-fatti li wasslu ghall-konvinciment morali TAZ-ZEWG QRATI li d-dokument impunjat kien falz, il-produzzjoni taz-zewg xhieda ma kienetx rilevanti, ghaliex "hazin ma jistax jiggustifika hazin iehor". Iz-zewg qrati investew il-kwistjoni izda ma accettawx li biex jigi gustifikat agir illecitu u abbuziv, cioe' falsilikazzjoni ta' garanzija, kellha bilfors issir prova ta' agir illecitu ta' haddiehor.

“3. Illi hija gurisprudenza kostanti u pacifika kemm ta' l-organi kompetenti Ewropej kif ukoll tal-Qrati taghna li l-proceduri jridu jigu valjati fil-kumpless intjier taghhom u mhux tinghata attenzjoni esagerata u minuzjuza ta' dettal ta' ebda rilevanza guridika jew fattwali. Illi di piu f'dan il-kaz il-qrati taz-zewg istanzi dehrilhom li z-zewg xhieda ma kienux rilevanti ghal fini ta' dak li kellu jigi deciz.”;

Rat r-risposta ta' Adrian De Haan tas-6 ta’ Novembru, 1998 (fol. 50 u 51 tal-atti), li tghid hekk:

“Illi r-rikors prezentat fit-3 ta' Ottubru 1996 mir-rikorrenti fuq citati huwa vessatorju ghar-ragunijiet sequenti;

“Primarjament, jekk kif huwa allegat mir-rikorrenti fuq citati l-Qorti tal-Appell ma ddecidietx il-kwestjoni dwar il-provi mitluba u imressqa mill-istess rikorrenti, allegazjoni li hija rifjutata mill-esponent, ma taghtihomx necessarjament id-dritt li jippronuovu azjoni kostituzzjonali ghaliex, fl-eventualita` li l-allegazzjoni taghhom kienet ipotetikament basata, kellhom fl-ewwel lok ir-rimedju tar-ritrattazjoni, rimedju li huwa ma adottawx;

"Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju ghas-sottomissjoni kontenuta fil-paragrafu precedenti, l-principju "audi alteram partem" jirriferixxi ghal kasi meta l-parti interessata ma tkunx fil-gjudizju; jew ma thallitx tigi rapprezentata u difisa minn difensur minnha indikat; jew ma thallitx tressaq provi jew tiddifendi lilha infisha, personalment jew permezz ta' difensur legali.

"Kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Civili [**<u>recte</u>:** il-Qorti tal-Kummerc], kif ukoll il-Qorti tal-Appell, fil-konsiderazzjoni u fis-sentenzi rispettivi tal-kaz, ippermettew lir-rikorrenti li jressqu dawk il-provi u xhieda li kienu inerenti u konnessi mal-kaz. Il-kaz kien relatat ghal pretisa garanzija in iscritto allegatament moghtija mill-esponent. George Farrugia u Franco Azzopardi b'ebda mod ma kienu involuti jew kellhom x'jaqsmu, direttament jew indirettament, mad-dokument li suppost kien jifforma l-pretisa garanzija. Lanqas ir-rikorrenti ma ippretendew jew issottomettew quddiem iz-zewg Qrati li l-indikati persuni kienu involuti fid-dokument allegatament formanti l-garanzija.

"Illi kemm l-ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell fis-sentenzi taghhom ittrattaw b'mod estis u dettaljat il-provi mressqa mir-rikorrenti u d-decizjoni tal-istess Qrati huma ibbasati fuq li stess provi; u quindi ukoll fuq il-kwestjoni jekk iz-zewg persuni kienux rilevanti u importanti ghal kaz, b'mod determinanti biex tinghata sentenza gjusta.

"Illi ghalhekk kemm l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem ma japplikawx ghal-kaz prezenti, li b'ebda estensjoni ta' immaginazzjoni ma jistghu r-rikorrenti jippretendu li huma gew b'xi mod pregjudikati bil-mankata applikazzjoni lilhom tal-principiu "audi alteram partem". Kieku din is-sottomissjoni m'ghandhiex basi, naslu ghall-assurdita` u abbus ta' process gjudizzjarju li meta Qorti tisma' l-kaz kollu tal-parti, bil-provi u x-xhieda, u tesercita d-diskrezjoni taghha li prova jew xhud m'humiex rilevanti ghal-kaz, ikun hemm dejjem il-ksur tal-principju "audi alteram partem".

"Ir-rikors ghalhekk ghandu jigi michu bl-ispejjez.";

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi n-noti ta' sottomissjonijiet u referenzi tal-partijiet, kif ukoll l-atti taz-zewg kawzi Citaz. 822/95 u Citaz. 825/95 kemm quddiem il-Qorti tal-Kummerc kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell; semghet it-trattazzjoni tal-partijiet; ikkunsidrat:

1. Tajjeb li ghall-kjarezza jigu stabbiliti, forsi bi ftit aktar precizzjoni milli hemm fir-rikors promotur ta' din il-kawza kif ukoll fir-risposti ta' l-intimati, il-fatti li wasslu ghal din l-istess kawza kostituzzjonali.

2. Fil-10 ta' Gunju, 1995 il-Qorti tal-Kummerc harget zewg mandati ta' impediment ta' safar kontra Adrian De Haan personalment ghal somom differenti. Dawn iz-zewg mandati inhargu fuq talba ta' George Whelpdale u tal-Avukat Dott. Tonio Farrugia biex, skond huma, jikkawtelaw il-krediti tas-socjeta` minnhom rappresentata, u cioe` tas-socjeta` Forwarders Ltd. Adrian De Haan, permezz ta' zewg citazzjonijiet (**822/95** u **825/95**), istitwixxa proceduri fil-Qorti tal-Kummerc kontra l-imsemmija George Whelpdale u Dott. Tonio Farrugia; permezz ta' dawn il-proceduri De Haan talab li l-Qorti tal-Kummerc (i) tiddikjara l-garanzija personali (bid-data tal-24 ta' Novembru, 1992) li kienet il-bazi tat-talba ghall-hrug tal-mandati ta' impediment ta' safar, bhala wahda mhix genwina u falza peress li hu qatt ma kien ta dik il-garanzija, qatt ma kien ta l-kunsens tieghu ghaliha, u qatt ma kien iffirma dak id-dokument bhala garanzija, u (ii) tirrevoka "contrario imperio" il-mandati ta' impediment ta' safar.

3. Iz-zewg kawzi nsetmghu b'urgenza u kontestwalment quddiem il-Qorti tal-Kummerc. Fil-kors tas-smigh ta' dawn il-kawzi, il-konvenuti (ir-rikorrenti fil-kawza kostituzzjonali odjerna) talbu li jtellghu bhala xhieda lill-awdituri George Farrugia u Franco Azzopardi, li kienu minnhom gew kummissjunati sabiex ihejju rapport dwar certi aspetti tar-relazzjonijiet kummercjali bejn

Forwarders Ltd. u De Haan Transport (Malta) Ltd.[1] Skond il-verbal tas-26 ta' Gunju, 1995, li kopja tieghu tinsab fl-atti tal-kawza 822/95 qabel il-pagna mmarkata fol. 27, il-konvenuti riedu lil dawn George Farrugia u Franco Azzopardi "biex jikkonfermaw ir-rapport taghhom". Dan, u dan biss, jidher li hu l-oggett tal-prova dikjarat. Il-Qorti tal-Kummerc, b'digriet ta' l-istess gurnata, cioe` **26 ta' Gunju, 1995**, cahdet it-talba ghall-produzzjoni ta' dawn iz-zewg xhieda peress li rriteniet, *inter alia*, li l-materja tar-rapport – li De Haan Transport (Malta) Ltd. ma kienitx qed thallas il-"commissions" kollha lil Forwarders Ltd. – ma kienitx relevanti ghall-meritu tal-kawza. Il-verbal, bid-digriet b'kollox, jaqra hekk: "*Il-konvenuti jitolbu li jixhdu l-awdituri George Farrugia u Franco Azzopardi biex jikkonfermaw ir-rapport taghhom. Billi dawn ix-xhieda ser jixhdu fuq materja li biex tkun valutata tkun tehtieg perizja teknika, u billi wkoll din il-materja ma hix il-meritu tal-kawza, il-Qorti, wara li rat ukoll id-digriet ta' l-20 ta' Gunju, 1995, li x-xhieda kollha kellhom jinstemghu llum u dawn iz-zewg xhieda ma tressqux, tichad it-talba*." Instemghu xhieda ohra tal-partijiet; u fis-7 ta' Lulju, 1995 il-Qorti tal-Kummerc, permezz ta' zewg sentenzi identici[2], iddecidiet iz-zewg kawzi billi ddikjarat il-garanzija personali tal-24 ta' Novembru, 1992 bhala wahda falza u mhux genwina, izda cahdet it-talba ghar-revoka "contrario imperio" tal-mandati ta' impediment ta' safar.

4. Permezz ta' zewg noti separati (wahda presentata fl-atti tal-kawza Citaz. 822/95 u l-ohra fl-atti tal-kawza Citaz. 825/95) datati l-11 ta' Lulju, 1995 George Whelpdale u l-Avukat Dott. Tonio Farrugia taw avviz ta' appell kemm mid-digriet tas-26 ta' Gunju, 1995 kif ukoll mis-sentenza definittiva tas-7 ta' Lulju, 1995. Jigi rilevat ghal kull buon fini li l-procedura ghall-finijiet ta' appell applikabbli f'dan il-kaz kienet dik ta' qabel l-emendi introdotti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta' l-1995.

[1] Kopja ta' dan ir-rapport tinsab ezibita bhala Dok. MMM fl-atti tak-kawza 822/95.
[2] Hlief, naturalment, ghad-dettalji dwar il-mandati ta' impediment ta' safar.

5. Fir-rikors promotur ta' din il-kawza kostituzzjonali ir-rikorrenti jghidu li huma, permezz ta' petizzjoni ta' appell tas-17 ta' Lulju, 1995[3] "appellaw mill-imsemmi digriet, oltre illi mill-meritu" (ara l-paragrafu 7 tar-rikors kostituzzjonali). **Dan <u>ma huwiex</u> fattwalment korrett**. In fatti, jekk wiehed jezamina sew iz-zewg petizzjonijiet tal-appell (identici hlief fejn hemm referenza ghall-mandat ta' impediment ta' safar) isib li propjament fil-petizzjoni **ma hemmx talba ghar-revoka tad-digriet tas-26 ta' Gunju, 1995**. Il-paragrafi 6 u 7 tal-petizzjoni, li jipprecedu l-enumerazzjoni tad-diversi aggravji – sitt aggravji b'kollox – ighidu testwalment hekk: "6. *Illi l-konvenuti hassew ruhhom aggravati b'din is-sentenza u b'nota ppresentata fil-11 ta' Lulju, 1995, interponew minnha appell quddiem din l-Onorabbli Qorti fejn qed jitolbu r-riforma tas-sentenza appellata. 7. Illi, kif inghad, l-esponenti qed jitolbu r-riforma tas-sentenza appellata biex tigi kkonfermata fejn cahdet it-tieni talba ta' l-attur u akkoljietu parti mill-ispejjez, u tigi revokata ghall-kumplament. Dwar dan l-esponenti jsostnu illi l-aggravju taghhom huwa car u manifest. L-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom giet irtirata fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 1995, u, ghalhekk, ma hemmx aktar lok li l-istess tigi diskussa. Fuq l-eccezzjonijiet l-ohra l-esponenti ghandhom diversi aggravji ta' natura legali u fattwali.*" Jinghad, dejjem ghall-precizzjoni, li qabel dawn il-paragrafi 6 u 7 ma hemmx l-icken referenza fil-petizzjoni ghad-digriet tas-26 ta' Gunju, 1995. Wara l-paragrafi 6 u 7 isegwu diversi paragrafi li jelenkaw l-aggravji. Finalment it-talba (wara l-paragrafu 16 li jitratta s-sitt aggravju dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni) hi maghmula hekk: "*Ghaldaqstant l-esponenti fil-waqt li jipproducu l-annessa maliverija biex taghmel tajjeb ghall-ispejjez ta' dan l-appell, u fil-waqt li jaghmlu referenza ghall-provi migbura u jirriservaw li jaghmlu kull prova ohra permessa bil-ligi, jitolbu bir-rispett li, prevja l-akkoljiment ta' dan l-appell, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Lulju, 1995, fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-sens li tikkonfermha fejn*

[3] Propjament **zewg** petizzjonijiet ta' appell, peress li kien hemm zewg kawzi u zewg sentenzi tal-Qorti tal-Kummerc, ghalkemm identici.

*cahdet it-tieni talba tal-attur u kkundannat lill-attur ihallas parti mill-ispejjez tal-kawza, u tirrevokha, thassarha u tannullha ghall-kumplament (fejn laqghet l-ewwel talba attrici u kkundannat lill-istess attur ihallas parti biss mill-ispejjez tal-kawza), u b'hekk tichad it-talbiet kollha tal-attur. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellat.*" Kif jidher, **ma hemmx talba ghar-revoka tad-digriet tas-26 ta' Gunju, 1995**; it-talba hi biss ghar-riforma tas-sentenza tas-7 ta' Lulju, 1995. L-unika referenza li hemm ghad-digriet tas-26 ta' Gunju, 1995 hi *en passant* fil-paragrafu 10 tal-petizzjoni, fejn l-appellanti jitrattaw it-tielet aggravju taghhom. F'dan il-paragrafu, u riferibbilment ghad-digriet imsemmi, jinghad biss hekk: "*Hu*[4] *hawn hu l-aggravju tal-esponenti fuq id-digriet tas-26 ta' Gunju, 1995, fejn l-ewwel qorti cahdet is-smigh tal-provi tal-awdituri ta' Forwarders Limited. La darba, fil-kors tal-kawza, deher li kien qed jsir referenza mid-difensur tal-attur ghall- u argumenti fuq is-"system of conduct" tal-esponenti nomine, allura dawn kellhom kull dritt li jressqu xhieda sabiex jiggustifikaw ruhhom.*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

6. Il-Qorti ta' l-Appell iddecidiet iz-zewg kawzi fil-31 ta' Lulju, 1996. Dik il-Qorti tat sentenza twila u dettaljata, li fiha ezaminat *seriatim* l-aggravji kollha tal-appellanti, fil-kawza Citaz. 822/95; fil-kawza Citaz. 825/95, imbghad, saret referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula fis-sentenza l-ohra, u l-kawza giet deciza bl-istess mod. Fis-zewg kawzi l-Qorti ta' l-Appell irriformat is-sentenza tas-7 ta' Lulju, 1995 billi laqghet it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuti appellanti (rikorrenti f'din il-kawza kostituzzjonali) u konsegwentement illiberathom mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu gew imharrkin personalment, izda kkonfermat il-bqija tas-sentenza appellata, inkluza, ghalhekk, dik il-parti fejn kien gie dikjarat li l-garanzija personali datata 24/11/92 kienet falza u ma kienitx genwina.

7. Bir-rikors odjern ir-rikorrenti qed jallegaw ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropea u

[4] **Recte:** U

dan bazikament peress li, dejjem skond it-rikorrenti, xhieda "indispensabbli" (George Farrugia u Franco Azzopardi) ma nstemghux mill-Qorti tal-Kummerc; kif ukoll peress li dawn l-istess xhieda anqas ma nsetmghu mill-Qorti ta' l-Appell li "iddecidiet il-meritu minghajr ma ddecidiet l-appell dwar il-provi li kienu gew vjetati mill-ewwel Qorti". Ghalhekk, skond ir-rikorrenti, huma ma kellhomx "smigh xieraq" ("fair hearing") f'dawn il-proceduri.

8. Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tosserva fis-sentenza taghha tas-16 ta' Settembru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet ***St. Paul's Court Limited v. L-Onorevoli Prim Ministru et.*** fir-rigward tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea – konsiderazzjonijiet li japplikaw egwalment ghan-nozzjoni ta' "smigh xieraq" skond l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni – "*In contrast with the other more precise guarantees in Article 6(1), the right to a "fair hearing" has an open-ended, residual quality. It provides an opportunity for adding other specific rights not listed in Article 6 that are considered essential to a "fair hearing" and for deciding whether a "fair hearing" has occurred on the particular facts of a given case when the proceedings are looked at as a whole*"[5]. Element importanti tal-kuncett ta' "smigh xieraq" hu l-principju tal-parita` tal-armi tal-kontendenti, ossia li l-partijiet fil-kawza jkollhom l-istess opportunita` li jressqu l-kaz taghhom, bil-provi u b'sottomissjonijiet bil-fomm u/jew bil-miktub. Dak li hu essenzjali hu li jkun hemm "a fair balance" f'dik li hi l-procedura applikabbli ghall-partijiet. Il-fatt li qorti ma tippermettix il-produzzjoni ta' xhud, wiehed jew aktar, li parti tkun trid tipproduci ma jfissirx necessarjament li jkun hemm nuqqas ta' parita` ta' armi u, per konsegwenza, nuqqas ta' smigh xieraq. Fil-kaz ***Engels and others v. The Netherlands***, deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-8 ta' Gunju, 1976, dik il-Qorti rriteniet hekk: "...*Notwithstanding the contrary opinion of the applicants, this provision*[6] *does not require the attendance and examination of every witness on the*

[5] Harris, D.J., O'Boyle, M., Warbrick, C., ***Law of the European Convention on Human Rights***, Butterworths (London), 1995, p. 202, sottolinear tal-Qorti.
[6] Article 6(3)(d).

*accused's behalf. Its essential aim, as is indicated by the words "under the same conditions", is a full "equality of arms" in the matter. With this proviso, it leaves it to the competent national authorities to decide upon the relevance of proposed evidence insofar as is compatible with the concept of a fair trial which dominates the whole of Article 6.*" (para. 91, sottolinear ta' din il-Qorti). Huwa biss eccezzjonalment li qorti fuq livell kostituzzjonali jew tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem tintervjeni fuq id-diskrezzjoni tal-qrati ordinarji f'dik li hi l-ammissibilita` u/jew ir-relevanza ta' xhieda jew provi ohra. Hekk, per ezempju, fil-kaz ***Bricmont v. Belgium*** (deciz fis-7 ta' Lulju, 1989) il-Qorti Ewropea qalet hekk: "*It is normally for the national courts to decide whether it is necessary or advisable to call a witness. There are exceptional circumstances which could prompt the Court to conclude that the failure to hear a person as a witness was incompatible with Article 6, but in the instant case it does not have sufficient grounds to form the view that such circumstances exist...*" (para. 89). Purche` li jkun hemm il-possibilita`, skond il-ligi, li parti tressaq il-kaz taghha b'mod li ma titqieghdx fi zvantagg sostanzjali fil-konfront tal-parti l-ohra, ikun hemm, bhala regola, il-parita` tal-armi. Jekk, minkejja dik il-possibilita`, xi xhieda jew provi ma jigux ammessi mill-qorti, wiehed ikun irid jezamina l-proceduri fit-totalita` taghhom biex jara kienx hemm "fair hearing". Hekk, per ezempju, fil-kaz ***Dombo Beheer B.V. v. The Netherlands*** (27/10/93) il-kwistjoni kollha quddiem il-qrati domestici kienet jekk kienx hemm ftehim bejn il-kumpanija (li eventwalment ressqet il-kaz quddiem il-Qorti Ewropea) u bank dwar facilitajiet ta' kreditu. L-unici zewg persuni li kienu presenti waqt li laqgha li fiha allegatament sar dan il-ftehim kien ir-rappresentant tal-kumpanija u r-rappresentant tal-bank. Dan ta' l-ahhar thalla jixhed, izda r-rappresentant tal-kumpanija ma thalliex jixhed ghax il-Qorti tal-Appell identifikatu mal-kumpanija nnifisha b'mod li, skond il-ligi tal-pajjiz, hu ma setax jixhed. F'dan il-kaz, cioe` ta' ***Dombo Beheer B.V.***, il-Qorti Ewropea ddikjarat li kien hemm ksur tad-dritt ta' smigh xieraq. Hu importanti, pero`, li jigi emfasizzat li la l-Qorti Ewropea u lanqas din il-Qorti (Prim'

Awla) fis-sede kostituzzjonali taghha u l-Qorti Kostituzzjonali ma ghandhom jaghmluha ta' qrati ta' tielet jew ta' raba' istanza meta l-ligi taghna tippermetti biss appell wiehed quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Fi kliem Andrew Grotrian, fil-monografija tieghu ***Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right to a Fair Trial*** (Human Rights Files, no. 13, Council of Europe, 1994): "*The question of whether proceedings have been "fair" is of course quite separate from the question of whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so-called "fouth instance formula", it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings...In general, the concept of a fair trial requires respect for the principle of "equality of arms", that is to say the principle of procedural equality between the parties. A minor inequality which does not affect the fairness of the proceedings as a whole will not, however, infringe Article 6. This principle does not, however, exhaust, the requirements of "fairness". Precisely what is required will depend to some extent on the nature of the case, including the nature and importance of what is at issue between the parties. There must be adequate procedural safeguards appropriate to the nature of the case. These include, where appropriate, adequate opportunities to adduce evidence, to challenge hostile evidence, and to present arguments on the matters at issue.*" (pp. 40-41).

9. Fil-kaz *de quo* ir-rikorrenti George Whelpdale u Dott. Tonio Farrugia kellhom l-opportunita` kollha, skond il-ligi, biex iressqu l-kaz taghhom kemm quddiem il-Qorti tal-Kummerc kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Huma ma kienu f'ebda zvantagg procedurali fil-konfront ta' De Haan. Minn dak li nghad aktar 'l fuq f'din is-sentenza, u specjalment b'referenza ghall-kontenut tal-verbal tas-26 ta' Gunju, 1995, ghall-kontenut tal-petizzjoni ta' appell, kif ukoll ghar-rikors promotur ta' din il-kawza, hu evidenti li l-iskop principali, jekk mhux addirittura l-uniku skop, li ghalih ir-rikorrenti riedu jipproducu lil George Farrugia u lil Franco Azzopardi kien sabiex jippruvaw li De

Haan kien mexa hazin maghhom. Il-Qorti ta' l-ewwel istanza ma ppermettietx li dawn it-tnejn jixhdu ghax, fil-gudizzju taghha, deherilha li, fost affarijiet ohra, id-deposizzjoni taghhom kienet irrelevanti ghall-kwistjoni ta' jekk il-garanzija personali datata 24/11/92 kienitx genwina jew falza. Minn qari akkurat tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (ara pagni 32 sa 34 ta' dik is-sentenza, fejn dik il-Qorti titratta t-tielet aggravju tal-appellanti) hu car li din kienet ukoll il-fehma tal-Qorti fi stadju ta' appell – u cioe` li l-allegat agir abuziv ta' Adrian De Haan ma seta qatt iservi ta' gustifikazzjoni ghal agir abuziv iehor da parti tal-appellanti – l-akkwist b'mod abuziv tal-garanzija personali. Din il-Qorti (Prim' Awla) fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, mhux ser tissindika l-operat tal-Qorti tal-Kummerc u tal-Qorti ta' l-Appell biex tara jekk dawn iddecidewx[7] tajjeb meta rritjenew li d-deposizzjoni ta' George Farrugia u Franco Azzopardi kienet irrelevanti ghad-determinazzjoni tal-kwistjoni dwar l-awtenticita` tal-garanzija personali. Dak li trid tara din il-Qorti hu jekk il-proceduri, fl-assjem taghhom[8], kienux "fair" fis-sens aktar 'l fuq imfisser.

10. Din il-Qorti m'ghandhiex l-icken ezitazzjoni sabiex tiddikjara li l-proceduri kemm quddiem il-Qorti tal-Kummerc kif ukoll quddiem il-Qorti ta' l-Appell kienu "fair" u gusti mill-aspett procedurali ghal dak li hu r-rekwizit ta' "smigh xieraq" kif mifhum kemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-fatt li l-imsemmija qrati ma semghux lil George Farrugia u lil Franco Azzopardi – ghax id-deposizzjoni taghhom giet ritenuta rrelevanti – ma jnaqqas xejn mill-gustizzja u l-"fairness" ta' dawk il-proceduri. Din il-Qorti hi msahha fil-konvinciment taghha f'dan ir-rigward anke minhabba l-fatt li ghalkemm ir-rikorrenti kellhom l-opportunita` li, quddiem il-Qorti ta' l-Appell, jitolbu specifikatament ir-revoka tad-digriet tas-26 ta' Gunju, 1995, **dan, kif diga spjegat, ma ghamluhx**. Huma, ghalhekk, ma jistghux jilmentaw, kif qeghdin jaghmlu fir-rikors promotur ta' din il-kawza, li l-Qorti ta' l-Appell iddecidiet il-kawza minghajr

[7] Fil-kaz tal-Qorti ta' l-appell, implicitament.
[8] Ara wkoll ***Dr. Lawrence Pullicino v. Onor. Prim Ministru et.***, Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Awissu, 1998.

ma "iddecidiet u ddeterminat l-appell mid-digriet tas-26 ta' Gunju, 1995", ghax il-Qorti ta' l-Appell <u>qatt</u> ma giet mitluba tirrevoka dak id-digriet. L-Artikoli 143(1)(2) u 229(7) tal-Kap. 12 (kif dawn kienu qabel l-emendi ta' l-1995) huma cari fil-portata taghhom. Dan ifisser, ghalhekk, li r-rikorrenti kellhom anke rimedju <u>ordinarju</u> ghall-ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq mill-Qorti tal-Kummerc li huma, pero`, ma utilizzawhx.

11. Ghall-motivi premessi, tichad it-talba tar-rikorrenti kif migjuba fir-rikors promotur ta' din il-kawza. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati kollha mill-istess rikorrenti solidament bejniethom.

Vincent Degaetano
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur